MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 323/2008

**Complete Supplies Ltd (C-15472)**

**Vs**

**Availacall Limited (C-36449)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€574.51), rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrci lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin Euro u wiehed u hamsin centezmi (€574.51),bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------